MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Numru. 256/2011

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Antonia Sciberras

Il-Qorti,

Rat li l-imputata Antonia Sciberras ta ’44 sena bint Salvu u Helen nee’ Portelli imwielda B’Kara fl-24 ta’ April 1966 u residenti 495 ‘Dar Qalb ta’ Gesu’, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 227166(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

F'Settembru 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlet uzua ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemment l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hilam setgha fuq hadiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kiemrika, ghamlet qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u/jew oggetti ohra ghad-detrimet Joseph Zammit detentur tal-karta tal-identita' numru 324366(M), ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-KodiciKriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi appropjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi ggib maghha l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u/jew oggetti ohra ghad-detriment Joseph Zammit u detentur tal-karta tal-identita' numru 324366(M), ai termini ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Ottubru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha .

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha

u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat il-fatt ukoll li intlahaq ftehim bejn il-partijiet fejn l-imputata qed teffetwa l-pagamenti b'mod regolari u rateali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 293 u 17 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha amessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien tlett snin millum u bil-kundizzjoni li sa zmien tlett snin millum thallas lil parti leza Joseph Zammit is-somma ta' sittax-il elf u tlett mitt ewro (€16,300) skond kif mifthiem bejn il-partijiet.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------